MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1260/2003

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Josephine Grixti u zewgha Anthony Grixti**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm672.00) rapprezentanti import ta' sitt kambjali kollha ta' Lm112.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Jannar 2003 sa Gunju 2003 ripsettivament u mhux imhallsa u mmarkati bhala Dok. 1 sa 6.
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-24 ta' Gunju 2003 jammontaw ghal Lm17.00, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm672.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------